# 78 skola ppremjati talli qarrbu lit-tfal lejn in-natura

## Issir iċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda 2022 fl-Esplora

78 skola madwar Malta u Għawdex iċċelebraw il-kisbiet eċċezzjonali li qed jagħmlu fil-ħidma tagħhom biex iqarrbu lit-tfal lejn in-natura permezz tal-programm ta' edukazzjoni ambjentali Dinja Waħda ta' BirdLife Malta li huwa mifrux fost l-istudenti tal-etajiet kollha fl-iskejjel mill-Kinder sas-Sekondarja.

Iċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda għall-2022, li ċċelebrat is-suċċess tas-sena skolastika 2021/2022, saret aktar kmieni llum fl-Esplora Interactive Science Centre.

Fis-settur tal-Primarja 51 skola ġew ippremjati bil-Gold Award, ħames skejjel irċivew is-Silver Award, tliet skejjel ħadu l-Bronze Award, u 15-il skola ngħataw Ċertifikat. Żewġ skejjel ġodda rċivew il-Blue Banner – award għal skejjel li jkunu rebħu l-Gold Award għal tliet snin wara xulxin.

Fis-settur tas-Sekondarja, żewġ skejjel rebħu l-Gold Award, skola waħda rebħet is-Silver Award u skola oħra l-Bronze Award. Dawn l-awards ikunu bbażati fuq l-impenn lejn il-bijodiversità u l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà.

Wara ħafna stennija, is-sena skolastika 2021/2022 reġgħet tatna l-opportunità li nilqgħu lill-iskejjel għall-field visits fir-riservi naturali tagħna wara sentejn ta' restrizzjonijiet tal-COVID-19 li matulhom ma stajniex niltaqgħu mal-istudenti

fiżikament. Ninsabu kuntenti li stajna nilqgħu madwar 3,700 student u studenta fir-Riservi Naturali tas-Simar, il-Foresta 2000, l-Għadira u s-Salina.

Ta' sodisfazzjon ukoll għalina kien li naraw li 25 skola rrappurtaw li organizzaw attivitajiet u kellhom rispons pożittiv għall-programm edukattiv il-ġdid tagħna Dinja Waħda+. Dan l-Action Guide ġdid joffri attivitajiet u riżorsi li huma mfassla apposta għall-etajiet differenti u li kollha jinstabu online fuq is-sit elettroniku ta' BirdLife Malta. Is-suġġetti proposti jikkonsistu f'numru ta' attivitajiet li jintegraw l-għarfien, il-valuri u l-ħiliet differenti huma u jipprogressaw.

Iċ-ċerimonja fakkret ukoll it-tnedija ta' sena skolastika ġdida (2022/2023) għall-programm Dinja Waħda, li jifforma parti mill-impenn ta' BirdLife Malta biex tħares in-natura u l-ħabitati permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim barra mill-klassi. Il-programm jitmexxa b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar u għandu l-appoġġ tal-Bank of Valletta.

It-tim tal-Edukazzjoni ta' BirdLife Malta ħabbar ukoll li l-programm Dinja Waħda issa se jingħata bixra internazzjonali hekk kif is-Soċjetà Ornitoloġika tar-Rumanija din is-sena nidiet il-programm "Nature Friendly Kindergartens". Attivitajiet ta' Dinja Waħda+ ġew tradotti fir-Rumen u ġew adattati għall-ambjent lokali. Ninsabu kuntenti li l-isforzi tagħna fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali m'għandhomx fruntieri u flimkien ma' msieħba oħra fil-familja tal-BirdLife, nistgħu nqarrbu aktar studenti u għalliema lejn in-natura.

Żvilupp ieħor importanti waqt l-attività tal-lum kienet il-preżentazzjoni tal-proġett tal-Erasmus+ Natural Nations li issa riesaq lejn tmiemu wara tliet snin ta' ħidma eċċitanti. Bis-saħħa ta' dan il-proġett, stajna nżidu aktar attivitajiet mal-programm Dinja Waħda+ li jenfasizzaw l-importanza tad-dakkara u t-titjib tal-bijodiversità fil-grawnds tal-iskejjel. L-istudenti li attendew kellhom iċ-ċans li jiżirgħu l-ħwawar tagħhom stess u tgħallmu dwar l-importanza tal-fjuri għad-dakkara.

Il-premjijiet tqassmu lill-iskejjel mill-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana, l-Education Manager ta' BirdLife Malta Stefania Papadopol u l-Kap tas-CSR u l-Komunikazzjoni fi ħdan il-Bank of Valletta (BOV) Charles Azzopardi.

F'kummenti dwar iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni ta' din is-sena, l-Education Manager ta' BirdLife Malta Stefania Papadopol qalet: "Ninsabu kuntenti ħafna li qed niċċelebraw sena oħra ta' suċċess u impenn mill-iskejjel fil-qasam tat-tagħlim ibbażat fin-natura. Nieħdu pjaċir naraw li aktar għalliema qed jifhmu illi li tqatta' ħin fin-natura mhux biss *hu tajjeb,* imma hu essenzjali biex ikollna tfal kuntenti, b'saħħithom u reżiljenti; u qed jifhmu wkoll il-ħtieġa li jsir kull sforz biex l-ambjent naturali jiġi mħares."

Il-Kap tas-CSR u l-Komunikazzjoni tal-BOV Charles Azzopardi żied: "Il-Bank of Valletta huwa impenjat fit-tul favur l-Ambjent, is-Soċjetà u l-Governanza (ESG). Huwa ta' unur għall-Bank li jifforma parti minn Dinja Waħda, proġett li huwa kruċjali biex iż-żgħażagħ tagħna jiġu mgħallma jieħdu ħsieb l-ambjent naturali tagħna. Il-fatt li l-ġenerazzjoni żagħżugħa qed tagħti prijorità lill-ambjent u tagħmel dak kollu li hu possibbli biex tipproteġih, jimliena bit-tama għal futur aħjar u aktar sostenibbli. Nieħdu wkoll din l-okkażjoni biex inħeġġu lil kulħadd biex jagħmel il-parti tiegħu sabiex jieħu ħsieb l-ambjent tagħna."

BirdLife Malta tifraħ lill-iskejjel kollha li pparteċipaw u tirringrazzjahom tax-xogħol kbir li għamlu din is-sena u trodd ħajr b'mod speċjali lill-koordinaturi tal-programm Dinja Waħda li jieħdu ħsieb it-tmexxija tal-programm fl-iskola tagħhom u jappoġġjaw lill-għalliema b'mod volontarju. Mingħajr dawn il-koordinaturi, it-tfal ma jkunux jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet, l-għarfien u l-valuri li jħarsu l-ambjent; li jinkisbu permezz tal-parteċipazzjoni fil-programm Dinja Waħda.

Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-Bank of Valletta għas-sapport kontinwu tiegħu bħala s-sieħeb edukattiv u l-isponsor uffiċjali tal-programm, kif ukoll liċ-Ċentru Esplora talli ospitana għaċ-ċerimonja ta' din is-sena.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-programm Dinja Waħda għall-Primarja
- Il-programm ġdid ta' BirdLife Malta Dinja Waħda+
- Il-programm Dinja Waħda għas-Sekondarja

**Mehmuża (PDF):**

- Lista tal-iskejjel li ġew ippremjati bid-Dinja Waħda Awards 2022

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-gS6psmmWa9**

- Għażla ta' ritratti miċ-ċerimonja tal-premjazzjoni ta' dalgħodu (Ritratti ta' Jody Fiteni u Nathaniel Attard)